Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 211/2016

Il-Pulizja

Vs

Miguel De Giorgio

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Miguel De Giorgio detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 18859 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax-xhur t' Ottubru, Novembru w Dicembru 2015, fil-Gzejjer Maltin:

1. Diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat;
2. Naqas milli jaghti lil Diana De Giorgio, is-somma, ffissata min dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 t' April, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338 (z) tal-Kap9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal xahar prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini tal-Art 28A tal-Kap 9 u kif ukoll ordnat l-hlas ta' tmien mija u sebghin ewro fi zmien xahar ai termini tal-Art 28H tal-Kap9.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Miguel De Giorgio, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 t' April, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-esponent minn kull htija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Miguel De Giorgio huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi huwa palezament ingust illi l-Qorti tal-Familja taccetta sitwazzjoni fejn il-konvenuta tipprova tinqeda bl-arma tal-Qorti Kriminali biex tikkonverti l-hlasijiet kollha l-ohra ghal manteniment, ghaliex il-hlasijiet kollha l-ohra bhalma huma l-mizati u l-kontijiet tad-dawl, si trattaw ta' dejn civili u ghalhekk l-imputazzjonijiet jew proceduri odjerni huma lezivi tad-drittijiet fundamentali tal-appellant peress illi huwa qed jigi rinfaccjat b' piena karcerarja ghall-indempjenza kuntrattwali u dan bi ksur tad-dispost tal-ewwel Artikolu tal-Protocol Numru 4 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, u dan kif ser jirrizulta ampjament fit-trattazzjoni orali ta' dan l-appell, fejn minn issa l-appellant qed jirrizerva d-dritt tieghu illi jitlob referenza kostituzjonali fit-termini tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.

Illi minghajr pregudizzju u nonostante illi hemm ammissjoni f' dan il-kaz, l-imputat hassu aggravat mill-piena li hija manifestamente eccessiva fic-cirkostanzi, specjalment meta wiehed iqis illi l-imputat gie kkundannat darbtejn – prigunerija ta' xahar sospiza kif ukoll hlas ta' manteniment meta huwa fl-impossibilita' li jaghmel dan.

Ikkunsidrat,

Illi jirrizulta mill-atti illi fis-seduta tat-18 ta' April 2016, l-appellanti irregistra ammissjoni quddiem l-Ewwel Qorti ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu li ghalhekk ghaddiet biex ikkundannatu perijodu ta' xahar prigunerija sospizi ghal sentejn bl-obbligazzjoni ghal hlas ta' €870 fi zmien xahar u dan bis-sahha ta'l-artikolu 28H tal-Kap.9. Illi dan l-ammont fil-fatt jirraprezenta biss parti mill-manteniment dovut ghax-xhur ta' Ottubru, Novembru u Dicembru 2007 billi l-appellanti hallas is-somma ta' €700 ghal kull xahar izda qieghed jirrifjuta illi ihallas il-bilanc ta' €290 billi fil-fehma tieghu dawn ma jirraprezentawx il-hlas tal-manteniment, izda il-hlas ghall-ispejjez ghall-edukazzjoni tal-ulied minuri u hlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma. L-appellanti jikkontendi illi dawn l-ammonti ma jistghu qatt jirrapprezentaw il-hlas ta' manteniment kif trid il-ligi izda jikkostitwixxu dejn civili meta huwa naqas mill-obbligu kontrattwali versu l-kredituri tieghu li ihallas ghall-ispiza tal-edukazzjoni u tal-utilitajiet. Dan fil-fehma ta'l-appellanti huwa leziv tad-drittijiet fondamentali tieghu bi ksur ta' dak dispost fl-ewwel artikolu tal-Protocol numru 4 tal-Konvenzjoni Ewopeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan peress illi bid-digriet tal-Qorti dejn civli gie konvertit f'manteniment biex b'hekk l-appellanti gie assoggettat ghal proceduri penali ghall-kummissjoni ta' reat fejn dan ir-reat ma kienx jezisti.

Issa huwa indubitat illi bl-ammissjoni registrata mill-appellanti quddiem l-Ewwel Qorti kien hemm l-accettazzjoni da parti tieghu tal-fatt illi huwa naqas milli jottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti sabiex jissomministra parti mill-manteniment dovut lil martu.

Illi d-dottrina fir-rigward tal-valur probatorju ta'l-ammissjoni maghmula mill-persuna akkuzata tghallimna illi:

"*Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza tagha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat.*[1] "

Illi allura sabiex din il-Qorti issa fi stadju ta' revizjoni tista' tghaddi biex tiskarta l-ammissjoni registrata mill-appellanti jridu necessarjament jikkonkorru wahda jew aktar mis-sitwazzjonijiet ravvizati fid-decizjoni su-iccitata. Issa huwa indubitat illi l-appellanti fehem sew in-natura ta'l-akkuza migjuba kontra tieghu u inoltre, assistit mid-difensur tieghu, huwa ammetta b'mod inkondizzjonat ghal din l-akkuza, u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-18 ta' April 2016 quddiem l-Ewwel Qorti. Illi ukoll ma jirrizultax illi hemm xi fatt li jirrizulta mill-atti li seta wassal lill-Ewwel Qorti ghal kundanna b'mod erronju billi jirrizulta illi hemm digriet validu mahrug mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) li in forza ta'l-istess jirrizulta illi l-ammont hu dovut. Huwa minnu illi l-appellanti ressaq rikors sabiex dak id-digriet jigi varjat u jirrizulta illi fil-fatt hekk sar permezz ta' digriet iehor li gie esebit in atti f'dan l-istadju ta' appell datat 26 ta' Awwissu 2016, izda dak id-digriet halla mhux mittifsa l-ordni precedenti u li abbazi tieghu inharrget l-akkuza odjerna.

---

[1] Il-Pulizija vs Martin Camilleri 20/01/1995 (Vol.LXXIX.v.1538)

Issa jekk id-digriet tal-Qorti Civili fejn l-ammont dovut ghal spejjez ta' edukazzjoni u kontijiet ta' dawl u ilma gew konvertiti f'manteniment sabiex b'hekk l-inadempjenza tieghu issarraf fil-kummissjoni ta' reat, fejn reat qabel ma kienx jezisti, huwiex leziv tad-drittijiet fondamentali tieghu, ma taqax certament fil-manzjonijet ta' din il-qorti ta' revizjoni, u fil-fatt tezorbita mill-kompetenza taghha. L-appellanti jekk jidhirlu ghandu jadexxi lil *forum* kompetenti li tista titratta din il-vertenza, izda certament din il-lanjanza ma tistax tigi deciza minn din il-Qorti. Il-Qorti madanakollu hija tal-fehma illi jekk hija tghaddi ghal gudizzju taghha f'dan l-istadju jista' jinholoq pregudizzju irriparabbli ghall-appellanti fl-eventwalita li l-kundanna tigi ikkonfermata.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tipprefiggi terminu ta' gimghatjen sabiex l-appellanti jivventila dina il-lanjanza quddiem il-Qorti kompetenti u cioe' quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonal) u fin-nuqqas hija tghaddi ghad-decizjoni taghha fuq il-mertu u ghalhekk tiddiferixxi l-appell ghall-informazzjoni ghat-23 ta' Frar 2017.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur